MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2011

Appell Civili Numru. 571/1998/1

**Thomas u Cettina konjugi Zahra, l-istess Thomas Zahra ghan-nom tal-assenti Mary mart Sam Kookulanos bhala mandatarju taghha, u Carmel Busuttil u Joseph Zahra**

**v.**

**Raymond u Doreen konjugi Parnis**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu provvediment dwar it-talba li saret mill-appellanti permezz tal-avukat taghhom fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2010 quddiem din il-Qorti sabiex din il-Qorti tordna korrezzjoni fl-okkju tas-sentenza appellata tal-24 ta' Ottubru 2008 u fl-okkju tar-rikors tal-appell fis-sens illi "Mary mart Sam Kookulanos" tigi sostitwita ghal (sic) "Mary Zahra" u dan ai termini tal-Artikolu 175 tal-Kap. 12.

Dakinhar din il-Qorti ddifferiet il-kawza ghat-28 ta' Jannar 2011 bil-fakolta` li l-appellant ikollu tlett gimghat zmien u cioe` sas-7 ta' Dicembru 2010 biex jipprezenta nota tal-osservazzjonijiet bil-vista tal-kontroparti li jkollu zmien sal-ahhar ta' Dicembru 2010 ghar-risposta.

Fis-7 ta' Dicembru 2010 l-appellanti pprezentaw nota ta' sottomissjonijiet bil-visto tal-kontroparti u b'nota tas-17 ta' Dicembru 2010 il-konvenuti appellati ddikjaraw li ma jopponux ghat-talba tal-atturi appellati (recte: appellanti) ghall-korrezzjoni fl-okkju tas-sentenza.

**Fatti relevanti**

Is-segwenti huma l-fatti relevanti ghall-kwistjoni mertu ta' dan il-provvediment.

Ic-citazzjoni quddiem l-ewwel Qorti giet ipprezentata fl-20 ta' Marzu 1998 u l-isem dattilografat ta' wahda mill-atturi li kienet assenti gie indikat bhala "Mary mart Sam Kokulanos". Jidher li dakinhar stess tal-prezentata tac-citazzjoni saret korrezzjoni awtorizzata ta' dak l-isem billi l-kliem "mart Sam Kokulanos" gew sostitwiti b'"Zahra" kemm fuq ic-citazzjoni kif ukoll fl-okkju tad-dikjarazzjoni tal-atturi li akkompanjatha b'tali mod li l-isem shih korrett kellu jigi jaqra "Mary Zahra". Minkejja dan, meta nghatat is-sentenza tal-ewwel Qorti wara l-gheluq tal-provi u t-trattazzjoni tal-kawza, fl-okkju tas-sentenza tnizzel l-isem "Mary mart Sam Kookulanos" minflok l-isem kif korrett ta' "Mary Zahra".

L-appellanti qeghdin konsegwentement jitolbu l-korrezzjoni tal-okkju tas-sentenza u tal-okkju kif indikat fir-rikors tal-appell fejn ukoll gie indikat l-isem ta' "Mary mart

Sam Kookulanos". Ta' min jirrileva wkoll li fir-risposta tal-konvenuti appellati l-isem gie wkoll indikat bhala "Mary mart Sam Kookulanos" u ta' dan ma ntalbet ebda korrezzjoni.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-korrezzjoni qed tintalab a tenur tal-Artikolu 175 tal-Kap. 12. Id-dispozizzjoni potenzjalment applikabbli huwa s-subartikolu (2) ta' dak l-artikolu li specifikatament jirregola s-setgha ta' din il-Qorti li tordna korrezzjoni fl-atti prezentati. Huwa l-insenjament ormai kostanti ta' din il-Qorti[1] illi a tenur tal-Artikolu 175(2) is-setgha ta' din il-Qorti li tikkoregi zball fl-atti hi limitata ghall-atti li jigu prezentati wara s-sentenza tal-ewwel istanza u li din is-setgha ma testendix sas-sentenza li tkun appellata quddiemha. Din is-sitwazzjoni ma jidhirx li tbiddlet bl-emendi li saru bl-Att XXIV tal-1995 ghaliex is-subinciz (2) tal-Artikolu 175 ma jirrizultax li gie emendat.

Jibqa' li jrid jigi konsidrat jekk il-fatt li l-konvenuti appellati ma humiex jopponu ghall-korrezzjoni tal-okkju tas-sentenza appellata jaghtix mano libera lil din il-Qorti sabiex tilqa' t-talba ghall-korrezzjoni mitluba. Din il-Qorti, izda, anqas bl-adezjoni tal-partijiet kollha fl-appell ma tistax tikkoregi l-ismijiet tal-partijiet li jidhru zbaljatament fl-okkju tas-sentenza appellata ghax ghandha tqis li dik is-sentenza nghatat kontra persuna jew persuni li ma kienux parti fil-kawza bhala attur jew konvenut. Hi biss il-qorti li ppronunzjat is-sentenza appellata li tista' taghmel ir-rettifika opportuna ghaliex is-sentenza appellata taghmel biss stat fil-konfront ta' dawk il-persuni li hi tiddikjara fl-okkju taghha li huma l-partijiet in kawza.

Inoltre, fl-okkju tar-rikors tal-appell iridu jigu indikati l-partijiet li fil-konfront taghhom giet pronunzjata s-sentenza appellata u dawn huma dawk li jirrizultaw mill-okkju tal-istess sentenza appellata. Peress li l-okkju tal-kawza kif jinsab fir-rikors tal-appell jirrispekkja fedelment u

[1] Ara Joseph Busuttil vs Avukat Dr. John Mamo *noe*, Qorti tal-Appell, 28 ta' Frar 1997 u s-sentenzi hemm citati

korrettement l-okkju tas-sentenza appellata allura ma jistax jinghad li hemm xi zball x'jigi kkoregut fl-okkju tar-rikors tal-appell.

**Provvediment**

Ghaldaqstant il-Qorti tichad it-talba tal-appellanti maghmula mill-avukat taghhom fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2010 quddiem din il-Qorti ghall-korrezzjoni tal-okkju tas-sentenza appellata u fl-okkju tar-rikors tal-appell.

L-ispejjez ta' dan l-incident jibqghu riservati ghall-gudizzju finali ta' din il-Qorti.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------